MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 18/2005

**Citadel Insurance plc (C113) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Pawlu Farrugia, sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess Pawla Farrugia**

**Vs**

**Gatt Mario (ID 523478M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ Jannar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm353.15 (tlett mija tlieta u hamsin Lira Maltin u hmistax-il centezmu) rapprezentanti danni sofferti f’incident stradali li sehh nahr id-29 ta’ Ottubru 2003 gewwa San Gwann.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-somma premessa tirraprezenta danni sofferti mill-attrici Pawla Farrugia, in kwantu s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25) rapprezentanti *excess*, u in kwantu l-bilanc rapprezentanti danni ohra sofferti mill-istess attrici fil-vettura tal-ghamla *Citroen* bin-numru ta' registrazzjoni MJF 219 assikurata mas-socjeta` attrici, li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` attrici, u liema danni gew ikkawzati in segwitu l-incident awtomobilistiku li sehh nhar id-29 ta' Ottubru, 2003, fi Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann bejn il-vettura msemmija hawn fuq misjuqa minn, u propjeta` tal-attrici u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MGT 500 misjuqa mill-konvenut, u ghal liema danni jahti unikament l-istess konvenut minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kolha, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi preliminarjament, il-konvenut jirrileva illi diga hemm kawza ohra pendenti quddiem dan it-Tribunal, diversament ippresedjut, fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Limited noe et – vs – Pawlu Farrugia" (Avviz Nru. 1994/04JB), liema kawza tikkoncerna l-istess incident awtomobilistiku u l-istess partijiet, u liema kawza giet intavolata fil-25 ta' Ottubru, 2004;
2. Illi subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni, jaqbel illi ghall-ekonomu tal-gudizzju, il-provi li hemm bzonn jinstemghu kemm f'dina l-kawza kif ukoll f'dik intavolata antecedentement, jinstemghu u jitmexxew flimkien, u ghaldaqstant, u ai termini ta' l-Art. 792 tal-Kap. 12, il-konvenut jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jordna u jibghat l-atti ta' dina l-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar kif ippresedjut minn Dottor Joseph P. Bonnici, u dana sabiex dina l-kawza tinstema` kontestwalment mal-kawza numru 1994/04JB fl-ismijiet msemmija;
3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda

unikament tort ta' l-attrici Pawla Farrugia, u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Salv eccezzjonijiet ohra skond il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi b'sentenza moghtija min dan it-Tribunal fis-6 ta' Jannar 2006 Avviz Numru 1994/04 fl-ismijiet "Gasan Mamo vs Farrugia Pawlu" gie deciz il-mertu ta' l-istess kollizjoni in ezamina. Il-partijiet qablu illi din is-sentenza ghandha taghmel stat anka fil-konfront ta' din il-ventenza.

Ghaldaqstant jiddeciedi billi jiddikjara lill-assigurat tal-attur u l-konvenut ugwalment responsabbli ghall-istess kollizjoni u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm176.58), bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjes tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------